MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Numru. 632/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Chris Pullicino)**
**(Spettur Kevin J Farrugia)**

**vs**

**Nathalie Micallef**

**Kumpilazzjoni Nru: 632/2009**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Nathalie Micallef, ta' 29 sena, bint Joseph u Rita nee' Cauchi, imwielda Pieta' nhar it-18 ta' Dicembru, 1979 u residenti Entrance E Flat 4, Triq Guze Ellul Mercer, Msida u detentrici tal-karta tal-identita bin-numru 35580(M).

Akkuzata talli fit-30 ta' Gunju, 2009, ghall-habta tal-hdax nieqes kwart ta' filghaxija, gewwa l-Imsida, dolozament

bil-hsieb li toqtol jew li tpoggi l-hajja ta’ Brian Pace f’ perikolu car, weriet dan il-hsieb b’ atti esterni u tat bidu ghall-ezekuzzjoni ta’ dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ taghha.

Rat in-nota ta’ l-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali kif mahsub fl-artikoli:
a) 214. 215 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
b) 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c) 55 u 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta; u
d) 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li l-imputata ma kelliex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan huwa kaz li jittratta incident li sehh fit-30 ta’ Gunju 2009 bejn l-imputata u certu Brian Pace. Jirrizulta li l-imputata kienet ilha f’relazzjoni ma’ dan Brian Pace ghal numru ta’ snin u ghandhom tlett itfal flimkien. Jidher li r-relazzjoni ta’ bejniethom kienet markata b’numru ta’ argumenti minhabba li l-imputata kienet tesiegi li Pace jibdel hajtu[1]. Jirrizulta li xi zmien ilu l-imputata kienet waqqfet din ir-relazzjoni u kull wiehed minnhom dahal f’relazzjoni ohra pero eventwalment l-imputata u Pace regghu bdew jghixu flimkien.

Illi dwar l-incident mertu ta’ dawn il-proceduri jirrizulta li fil-lejl in kwistjoni l-imputata u Pace kienu qeghdin fil-kamra tas-sodda fid-dar tar-residenza taghhom u qam argument iehor bejniethom meta Pace ta daqqa ta’ ponn lill-imputat f’darha. Meta gara hekk hi harget mill-kamra tas-sodda u

[1] Mhux kontestat li Pace jabbuza kemm mid-droga kif ukoll mill-alkohol u huwa persuna maghrufa sew mal-pulizija kif tixhed l-fedina penali refrettarja tieghu.

marret fil-kcina fil-waqt li wissietu biex ma jersaqx lejha ghax kienet ser tirritalja billi taghtih daqqa ta' sikkina. Pace mar fil-kcina, resaq lejha u l-imputata taghtu daqqa ta' sikkina; hi taghtu daqqa wahda f'l-istonku u wara cemplet lill-ambulanza, ghamlet dak li qalulha sa kemm tigi l-amlulanza, u anke marret l-isptar ma' Pace.

Illi ma jirrizultax li kien hemm xi taqbieda partikolari bejn il-partijiet koncernata dak in-nhar ta' l-incident. Mill-assjem tal-provi fil-fatt jirrizulta argument verbali, daqqa ta' ponn wahda li Pace ta lill-limputata meta kienu qeghdin fil-kamra ts-sodda, u mbaghad meta marru fil-kcina l-imputata qabdet is-sikkina u malli rat lil Pace gej hdejha tatu daqqa wahda bis-sikkina. Meta sar l-access fil-fatt fid-dar ma gewx notati sinjali ta' taqlib li seta' jindika li l-partijiet kienu issieltu.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali (b'differenza ghall-imputazzjoni ta' attentat ta' omicidju imsemmija fic-citazzjoni) huma offiezi ta' natura gravi ai termini ta'l-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, offiezi ta' natura gravi ai termini ta'l-artikolu 216 ta'l-istess Kapitolu 9 u li l-imputata kellha fil-pussess taghha arma regolari waqt li kkommettiet dawn id-delitti.

Illi mill-provi prodotti ma jezisti l-ebda dubbju ta' xejn li f'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri l-imputata tat daqqa ta' sikkina lil Brian Pace.

Illi mis-sottomissjonijiet maghmula mid-difieza jidher li fil-waqt li l-imputata mhiex qed tichad l-akkadut tallega li ghandhom japplikaw fil-konfront taghha l-artikoli 223 u 227(d)[2] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sottomissjonijiet tad-difieza fil-fatt gie allegat li Brian Pace kien fis-sakra u li l-imputata ma kellha l-ebda triq ohra hlif li taghmel dak li ghamlet biex tiddefendi lilha niffisha.

[2] Dan b'applikazzjoni ta'l-artikolu 230 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi f'dawn is-sottomissjonijiet d-difieza qed tistrieh primarjament fuq dak li jghid Pace li huwa kien fis-sakra u dak li qalet l-imputata lill-pulizija f'l-istadji inizjali ta'l-investigazzjoni.

Illi dwar il-verzjoni moghtija minn Brian Pace ghandu jinghad li dan biddel il-verzjoni tieghu diversi drabi u anke ikkonvinca lill-imputata biex taghti verzjoni skoretta tal-fatti. Dwar l-istat tieghu, Brian Pace, f'l-ewwel depozizzjoni tieghu mghotija lill-Perit Richard Aquilina qal li dak in-nhar kien ha d-droga kokajina u ma semma xejn dwar xorb alkoholiku; mbaghad waqt li kien qeghed jixhed quddiem il-Qorti fil-waqt li ma semma' xejn dwar drogi qal li kien xorob u kien fis-sakra. Brian Pace pero huwa xhud inattendibbli u l-Qorti ma tistax taghti affidabilita lil dak li jghid. In oltre l-Qorti bil-fors trid tiehu in konsiderazzjoni il-fatt li Pace kien qed jaghmel minn kollox biex jghid affarijiet li permezz taghhom l-imputata tigi skolpata.

Illi dwar dak li tghid l-imputata ghandu jigi rilevat li f'l-istadju inizjali ta' l-investigazzjoni hija kienet qed taghti certu verzjoni li ma kenitx kredibbli. Meta giet konfrontata bil-fatt li l-verzjoni taghha ma tantx kienet kredibbli hija ammettiet li kien Brian Pace li qallha taghti dik l-ewwel verzjoni. Hija mbaghad kompliet biex taghti verzjoni differenti. Kien f'dak it-tieni stadju li qalet lill-pulizija li Brian Pace kien fis-sakra. Dan l-istess kliem ma qalietux meta aktar tard irrilaxxjat iz-zewg staqarrijiet taghha. In oltre ghandu jinghad li mill-assjem tal-provi ma jirrizultax li Pace kien fis-sakra, huwa kien jaf ezattament x'kien qed jigri, sahansitra sa kemm wasal l-isptar. In oltre lanqas ma jidher li fid-dar instabu xi oggetti li setghu jindikaw li huwa kien qed jixrob.

Illi fattur li l-Qorti thoss li huwa relevanti ukoll ghal dak li jirrigwarda l-i*stato d'anima* ta' l-imputata waqt l-incident u x'kien li verament immotivaha biex tagixxi kif aggixxiet huwa li miz-zewg stqarrijiet taghha jirrizulta li aktar milli mbezza' minn Pace, hija kienet irrabjata ghalih. Fil-fatt f'l-ewwel stqarrija hija tghid li ghamlet li ghamlet ghax kienet irrabjata ghalih u ghax hasbitu rega' gej ghaliha. Fit-tieni stqarrija tammetti li l-argument bejnha u bejn Pace (u li

eskala f'l-incident mertu ta' dawn il-proceduri) kien ilu ghaddej xi granet. Hi tghid ukoll pero li dak il-hin, aktar milli minhabba l-argument li kien ilu jinhema, irrabjat izjed ghax refa' idejh fuqha u taha daqqa f'darha, u kien ghalhekk li ghamlet li ghamlet. Fil-parti konklussiva ta' din l-istqarrija l-imputata sahansitra qalet li *issa li ghaddietli r-rabja qed jiddispjacini immens ta li gara.*

Illi huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li *biex tirnexxi d-difieza tal-legittima difiza iridu jikkonkorru flimkien diversi elementi. F'l-ewwel lok irid ikun hemm perikolu minaccjat li jkun ingust, gravu u inevitabbli. Il-perikolu kostiwit minn din il-minaccja jrid ikun perikolu attwali u assolut fis-sens li ma setax jigi evitat b'mezzi ohra. Mbaghad anke fejn jirrikorru dawn ir-rekwizieti kollha irid ikun hemm il-proporzjonalita bejn l-aggressjoni gravi u inevitabbli u r-reazzjoni tal-persuna aggredieta*[3].

Illi fil-kaz in ezami m'hemmx dubbju li Pace kien ta daqqa ta' ponn lill-imputata ghaliex meta giet ezaminata medikament l-espert mediku innota dbengiela (ta' kulur vjola car) f'darha. Din pero kienet l-unika lezzjoni li giet konstata fuq il-persuna ta'l-imputata. Wara li hija qalat din id-daqqa kellha kull opportunita li tallontana ruha minn hdejn Pace u kieku dan verament kien ta' perikolu ghaliha kellha l-opportunita ukoll li tohrog mill-appartament fejn kienu jghixu. Hi minflok marret fil-kcina, u f'mument ta' rabbja aktar milli ta' biza' (kif ammess minnha stess), qabdet is-sikkina u malli rat lil Pace gej fil-kcina tatu daqqa biha.

Illi f'dan il-kwadru ta' fatti ma jistghax jinghad li gew pruvati mqarr sal-grad tal-probabbli r-rekwizieti necessarji biex tirnexxi d-difieza kontemplata f'l-artikolu 223.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li d-daqqa li soffra Pace ipperforat il-kavita abdominali u anke laqtet xi organi interni pero mill-provi prodotti quddiem din il-Qorti ma

---

[3] Ref Pulizija vs Carmel Galdes Appell Kriminali Deciz 29.03.2007

jirrizultax li l-griehi kkawzaw xi debbulizza permanenti ghalkemm setghet iggib din id-debbulizza. Konsegwentement il-griehi sofferiti minn Pace huma dawk kontemplati f'l-artikolu 216(1)(a)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ghalhekk il-Qorti hija sodisfatta li fil-waqt li giet sodisfacjentement pruvati t-tieni imputazzjoni migjuba kontra l-imputata ai termini tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali, l-ewwel imputazzjoni ma gietx pruvata.

Illi t-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputata hija dik ravvizata f'l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jipprovdi li *kull min … fil-waqt li jkun qed jaghmel reat kontra … l-persuna … ikollu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti, ikun hati ta' reat … … kemm-il darba ma jgibx prova xort'ohra li kien qed igorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop legittimu.*

Illi ghal dak li jirrigwarda x'jikkostitwixxi arma regolari l-Kapitolu 480, fid-definizzjoni mghotija f'l-artikolu 2, jirrefreri ghat-tifsiera mghotija f'l-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-ahhar imsemmi artikolu jipprovdi hekk:

*Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor.*
*L-armi, strumenti u ghodod ohra kollha ma jitqisux bhala armi, hlief meta fil-fatt jigu wzati ghall-offiza jew ghad-difiza, u f'dan il-kaz jissejhu armi irregulari.*

Illi ghalhekk huwa car li r-referenza f'l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 ghall-*armi regolari* ghandha necessarjament tiftiehem bhala referenza ghal dawk *l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-ghodod l-ohra kollha li ghandhom bhala skop principali d-difiza ta' wiehed innifsu jew l-offiza ta' haddiehor.* Konsegwentement biex jissussieti r-reat kontemplat f'dan l-artikol 55 tal-Kapitolu 480 il-persuna

koncernata ghandu jkollha fil-pussess taghha arma regolari kif hawn defnita u mhux arma irregolari.

Illi mill-provi jirrizulta li fil-mument li l-imputata kkomettiet l-offieza fuq il-persuna ta’ Brian Pace hija kellha fil-pussess taghha sikkina tal-kcina li ai fini tad-definizzjoni mghotija f’l-artikolu 64 tal-Kapitolu 9 ghandha titiqies bhala arma irregolari, konsegwentement ma jistghax jinghad li giet pruvata t-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Illi ghandu jinghad li fil-Kapitolu 9 hemm kontemplat l-aggravju ghall-offieza fuq il-persuna meta din titwettaq bi strument li jaqta u li jnigges, pero l-artikolu relevanti (l-artikolu 217) ma giex kwotat fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali u din il-Qorti tista’ tippronunzja ruhha biss fuq dawk ir-reati kontemplati f’l-artikoli imsemmija mill-Avukat Generali.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatti li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni. Zgur li l-aktar fattur importanti huwa n-natura tar-reat li tieghu qed tinstab hatja l-imputata. Bla dubbju ta’ xejn huwa reat gravissimu. Min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-kuntest li fih sehh l-incident mertu ta’ dawn il-proceduri u l-fatt li kien Pace li l-ewwel agredixxa lill-imputata. Il-Qorti lanqas ma tistax ma tiehux in konsiderazzjoni l-fedina penali ta’l-imputata li hija netta u l-fatt li Brian Pace ma kellu l-ebda interess fil-proceduri kontra l-imputata tant li hu kien anke talab biex ma jixhiedx.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta’l-imputazzjoni dedotta fic-citazzjoni u fil-waqt li ma ssibx lill-imputata hatja ta’l-ewwel u t-tielet imputazzjoni migjuba kontra taghha ai termini tal-paragrafu “a” u “c” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali u tilliberaha minnhom, wara li rat 214, 215 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata hatja tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra taghha ai termini tal-paragrafu “b” tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta’l-Avukat Generali u taghha tikkundannaha sena prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tigi

sospieza ghal perjodu ta’ tlett snin. In oltre b’applikazzjoni ta’l-arikolu 533 ta’l-istess Kapitolu 9 l-imputata qed tigi kkundannata thallas lir-Registratur ta’ din il-Qorti is-somma ta’ elf tnejn u disghin Euro u hamsa u hamsin centezmu (€1,092.55) rapprezentanti spejjez rinkorsi in konnessjoni mal-hatra ta’ periti; il-hlas ghandu jsir fi zmien sitt (6) xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------